# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn 26 ta' Settembru, 2022**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 674/2021 ISB**

**Jean Marc Dalli KI 11395M**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Avukat Generali**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors ta' Jean Marc Dalli**, KI 11395(M) tal-20 ta' Ottubru 2021 u l permezz tieghu huwa talab illi l-Qorti:

*1. Tiddikjara illi t-tehid tal-istqarrija tal-esponenti mingħajr il-presenża ta' Avukat jassistieh tilledi jew x'aktarx tilledi d-dritt*

*fundamentali tal-esponenti li jkollu smiegħ xieraq, liema dritt huwa protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 39 tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara li l-istqarrija mertu ta' dawn il-proċeduri titqies bħala 'nammissibli' fi kwalunkwe proċeduri ta' natura penali kontra l-esponenti;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati 'nġunti għas-subizzjoni.*

U dan wara li ppremetta is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti kien ġie arrestat bejn il-lejl tat-8 u d-9 ta' Settembru 2013 minn ġewwa l-Kalkara/Raħal Ġdid għaliex allegatament kien traffiku tlitt [3] pilloli suspettati ecstasy ma' sħabu li kienu miegħu fl-istess party;*

2. *Illi wara l-proċess li dam ikarkar snin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati [Malta], huwa kien fost oħrajn ikkundannat tlitt xhur priġunerija effettiva wara sejbien ta' ħtija. L-esponenti appella mis-sentenza erogata minn l-Ewwel Qorti u llum il-ġurnata l-appell tiegħu għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali {Sede Inferjuri} preseduta minn l-Imħallef Dott. Aaron Bugeja;*

3. *Illi bħala wieħed minn l-aagravji fir-rikors tal-appell tiegħu l-esponenti kien ikmenta mill-fatt li kuntrarjament għal dak li l-Qrati nostrani qed jagħmlu, l-istqarrija tiegħu ma' ġietx sfilzata kif kellu jsir. L-esponenti kien ressaq talba quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex dana l-ewwel aggravju jkun trattat qabel l-aggravji l-oħra anke biex l-esponenti ikun jista waqt is-smiegħ tal-appell kriminali tiegħu jirregola ruħu, iżda dik it-talba biex l-eċċezzjoni tkun trattata preliminarjament ġiet miċħuda u l-Qorti ordnat illi l-aggravji fir-rikors tal-appell tal-esponenti jiġu trattati kollha f'daqqa;*

4. *Illi l-esponenti meta kien arrestat kien iralaxxja stqarrija, wara li ħa parir mingħand Avukat tiegħu u sustegwentement dik l-istqarrija kien iġġuramentha quddiem dak iż-żmien il-Maġistrat illum Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera. Illi waqt it-tehid tal-istqarrija l-esponenti ma' kienx ingħata lilu d-dritt li jkolli Avukat ta' fiduċja tiegħu jassistieh minħabba li dan id-dritt ma' kienx jeżisti fis-sistema tagħna;*

5. *Illi tajjeb li jingħad li dina l-okkażżjoni tat-tehid tal-istqarrija tal-esponenti kient l-ewwel okkażjoni li l-esponenti qatt daħal fil-Kwartieri tal-Pulizija. Huwa kien għadu dak iż-żmien student u kellu l-eta tenera ta' tmintax-il sena [18]. Illi l-esponenti kien totalment skonvolt u maħsud b'dak kollu li beda jiġri f'dak il-lejl in kwantu dawn kienu għalih kollha esperjenzi ġodda u negattivi ferm. Tajjeb jingħad bl-aktar mod ċar u kategoriku li mhux minnu li l-esponenti qatt spaċċa d-droga f'is-sens ta' dak li solitament wieħed jifhem bi spaċċ ta' droga;*

6. *Illu ndubjament l-esponenti kien f'sitwazzjoni ferm u ferm vulnerabbli meta huwa rrilaxxja l-istqarrija mertu ta' dana l-umli rikors kostituzjonali;*

7. *Illi mhux biss, meta wieħed jifli l-proċess kriminali tal-esponenti isib li għajr għal dina l-istqarrija ma' hemm ebda prova oħra importanti li l-prosekuzzjoni tista realment tistrieħ fuqha u għalhekk huwa ta' preġidozzju kbir għall-esponenti li stqarrija rilaxxjata b'dan il-mod tibqa tiġi kkunsidrata fil-proċess minn min irid jiġġudikah fil-proċess penali;*

8. *Illi l-esponenti għajr dan il-każ qatt ma' kellu ebda każ ieħor mal-Pulizija u llum il-ġurnata, għajr għal problemi kbar li qed ifarkulu moħħu minħabba dan il-każ huwa jinsab 'settled' f'negozju tal-familja u ma' għandu ebda problema oħra, wisq anqas ta' tossiku-dipendenza;*

9. *Illi huwa ben risaput illi l-ġurisprudenza nostrana għaddiet minn perjodu fejn ingħataw deċiżjonijiet kontrastanti jekk mhux ukoll dijametrikament opposti fuq il-kwistjoni tat-tehid tal-istqarrija;*

10. *Illi l-mod kif il-Qrati tagħna qed jitrattaw dina l-kwistjoni tal-istqarrija huwa fih innifsu kważi kważi lezjoni ta' dritt fiha nnifisha, inkwantu li qed tinħoloq 'legal uncertainty' kbira fejn anke l-Avukati li jridu jagħtu parir lill-klijenti tagħhom qed ikunu rinfiċċjati b'deċiżjonijiet differenti li jingħataw addirittura fl-istess ġurnata. Illi dan pero ma' huwiex il-mertu tar-rikors odjern;*

11. *Illi madankollu jidher li llum il-ġurnata s-sentenzi tal-Qrati tagħna qed jikkonverġu fis-sens illi lil hinn mill-fatt jekk it-tehis tal-istqarrija jikkostitwixxix lezjoni ta' dritt ta' smiegħ xieraq protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, madankollu, l-Qrati qed jaqblu illi l-istqarrija nnifisha, meħudha mingħajr l-assistenza ta' Avukat ma'għandhiex titqies għal finijiet ta' determinazzjoni ta' ħtija fi proċess kriminal;*

12. *Sentenzi aktar riċenti, jidher li llum il-ġurnata waslu wkoll għal konklużjoni li kull proċess irid jiġi meqjus għalih innifsu u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ iridu jiġi ssindikati individwalment. Illi l-esponenti jikkontendi b'rispett li fil-każ tiegħu jeżisti l-elementi u ingredjenti kollha meħtieġa sabiex jiġi deċiż li jekk l-istqarrija ma' tiġix sfilzata minn l-atti l-esponenti ikun sofra minn lezjoni ta' dritt taħt l-Artikolu 6 kif ingħad aktar 'l fuq;*

13. *Illi dan ir-raġunament illi ma' jkunx għaqli li dawn l-istqarrijiet isir użu minnhom fi proċess kriminali huwa raġunament li din il-Qorti diġa addottat f'sentenzi preċedenti bħal Graziella Attard vs Avukat Ġenerali 27.9.2019, Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et 5.10.2018, Il-Pulizija [Spett. M. Bondin] vs Aldo Pistella 14.12.2018 u Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat 27.1.2021;*

14. *Illi l-esponenti gia sofra preġudizzju kbir meta l-Ewwel Qorti tal-Maġistrati, b'mod l-aktar stramb meta tat is-sentenza tagħha iddeċediet li kuntrarjament għal dak li kienet qed tagħmel f'kawżi oħra simili ħalliet in toto l-istqarrija tal-esponenti fl-atti u a bażi tagħha waslet għal sejbien ta' ħtija. Inoltre anke l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali li qed tisma l-appell, ma' ddeċedietx li tagħti direzzjoni dwar l-ammissibilita o meno tal-istqarrija qabel ma' tmur għas-sentenza finali ukoll qed ikompli jwassal għall-lezjoni ta' dritt ċar fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

15. *Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża u li l-esponenti jaf huwa personalment il-fatti kollha;*

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2021, minn fejn jirrizulta illi l-kawza tpoggiet fuq il-lista taghha tas-26 ta' Jannar 2022 u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimati.

Rat illi l-intimati kienu notifikati fl-10 ta' Dicembru 2021;

Rat ir-**Risposta tal-Intimati** kollha tal-24 ta' Dicembru 2021 minn fejn jirrizulta illi huma talbu lil Qorti tichad t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

1. *Preliminarjament jigi eccepit li l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali m`humiex il-legittimi kontraditturi f`din il-kawza ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u l-gudizzju huwa integru bil-prezenza tal-Avukat tal-Istat wahdu u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Preliminarjament ukoll, l-esponent jemmen li l-azzjoni tar-rikorrenti hija għal kollox intempestiva. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż u dan ma jistghax isir proprju ghaliex hemm appell li ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu bħala punt ta' dritt taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas.*

4. *Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara inter alia Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri tat-22 ta' Frar 2013, Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru 2012 u Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

5. *Marbut ma` dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et deċiża*

*mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).*

6. *Dwar dan l-ilment terga issir referenza ghal dak li intqal aktar ` l fuq u cioe` li l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda ghal kollox intempestiva ghaliex il-proceduri taghha ghadhom pendenti. Dan gie ri-affermat ukoll mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawzi Dimech vs. Malta u Tyrone Fenech et vs. Malta.*

7. *Illi di piu ix-xenarju gurisprudenzjali rega inbiddel bil-kawzi Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta. Xi stabbilew dawn il-kawzi ser jigi spjegat f`aktar dettal waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza.*

8. *Illi imkien ma huwa imnizzel la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea li l-interessi ta` persuna arrestata u interrogata huma mharsa biss u unikament bil-prezenza tal-avukat qabel u/jew waqt l-interogazzjoni tal-pulizija. Fil-gurisprudenza nostrana gie affermat li meta persuna tikkonferma l-istqarrija bil-gurament u fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti dan ikun ifisser li inghatawlha l-garanziji kollha skond il-ligi biex id-drittijiet taghha jkunu mharsa minn kull forma ta` abbuz (issir referenza ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech).*

9. *Illi wiehed ma jistghax jinjora l-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma gie imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Huwa inghata t-twissija skont il-ligi u l-istess rikorrenti kien qed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha. Marbut ma dan imkien ma jirrizulta li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli u lanqas li sofra xi pressjoni, theddid jew influwenza fit-tehid tal-istqarrija. Fuq kollox ir-rikorrent inghata ukoll d-dritt li jikkonsulta ma` avukat qabel l-interrogatorju liema dritt uzah tant li kellem lil Dr. Alan Muscat.*

10. *Illi meta wiehed jaqra is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tas-27 ta` Jannar 2021 fil-kawza Il-Pulizija vs. Jean Marc Dalli, jinduna mill-ewwel li l-Qorti ma sabitx reita` abbazi tal-istqarrija li irrilaxxa ir-rikorrenti lill-pulizija izda strahet fuq provi ohra tant li fis-sentenza hemm imnizzel li Il-prova prinċipali illi din il-Qorti għandha quddiemha hija fil-fatt ix-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino. Mela m`huwiex minnu dak li jghid ir-rikorrenti fir-rikors promotur li l-prova principali kontrih kienet l-istqarrija.*

*11. Illi irid jinghad li fis-sentenza taghha, l-Qorti tal-Magistrati ghamlet ukoll analizi legali u gurisprudenzjali dettaljata tal-pozizzjoni li hadu l-Qrati fejn tidhol l-ammissibilita` o meno ta` stqarrija tal-akkuzat. Li hu zgur hu li persuna interrogata mill-pulizija li ma jkolliex assistenza legali waqt l-interrogatorju, dak il-fatt wahdu ma jrendiex awtomatikament dik l-istqarrija inammissibbli fil-kuntest ta` proceduri kriminali li jittiehdu kontriha.*

*12. Ghalhekk dan l-ilment imressaq mir-rikorrenti ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhiedha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Illi bhala provi, ir-rikorrent pproduca lill-Ispettur Gabriel Micallef li xehed illi hu kien l-Ispettur investigattiv fuq il-kaz pendenti tar-rikorrent. Jikkonferma li r-rikorrent dak iz-zmien kellhu tmintax (18) il-sena u li ma kienx familjari mal-ambjent tal-Ghassa anke ghaliex qatt ma kien gie arrestat qabel.

Illi gew annessi l-atti tal-procediment kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dawk tal-Appell relattiv quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (DOK FC 1).

Illi mill-atti processwali kriminali jirrizulta illi r-rikorrent ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija fil-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013. Ir-rikorrent ghamel l-istqarrija fid-9 ta' Settembru 2013, ftit wara nofs il-lejl, u din giet guramentata quddiem l-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Kif hemm rilevat fil-proces verbal, ir-rikorrent irilaxxa stqarrija volontarja. F'din l-istqarrija, ir-rikorrent jghid illi huwa rrilaxxa din l-istqarrija wara li nghata lilu s-solita twissija u li kellhu d-dritt li jkellem avukat. Ikkonferma li kien tkellem ma' avukat tal-fiducja tieghu u kien ghalhekk li kien irilaxxa dik l-istqarrija.

Jirrizulta illi r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex jirrispondi ghall-akkuzi ai termini tal-KAP 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mill-

verbal tat-tmien u d-disa' seduta illi kien hemm anke diskussjonijiet dwar patteggjament.

Jirrizulta illi fid-9 ta' Settembru 2013, ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti fejn qal espressament hekk:

> *Qed nara l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok CSH u nghid illi din l-istqarrija giet rilaxxjata minni b'mod volontarju wara illi l-Ispettur Investigattiv taghni s-solita twissija u d-dritt li nkellem Avukat. Fil-fatt nikkonferma li jiena tkellimt ma' Avukat u kien ghalhekk illi rrilaxxjajt din l-istqarrija. Jiena nikkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija u nghid illi hija l-verita' kollha…….*

Illi mis-sentenza tal-Ewwel Istanza fil-proceduri kriminali, dik tas-27 ta' Jannar 2021, jirrizulta illi, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri odjerni, hemm zewg affarijiet importanti u rilevanti.

Fl-ewwel lok illi dik is-sentenza tghid espressament illi:

> "*Hija l-fehma meqjusa ta' din il-Qorti illi dak li xehed dwaru PS 1220 u li ma giex kontradett mid-difiza, jikkostitwixxi prova sufficjenti ta' dak li ghamel l-imputat odjern*";

u fit-tieni lok illi dik is-sentenza ttrattat il-kwistjoni tal-ammissibilita' o meno tal-istqarrija tal-imputat fil-kuntest tal-kaz in dizamina, u kkonkludiet illi:

> "*kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti izjed il-fuq, l-istqarrija tal-imputat kif ikkonfermata ukoll minnhu bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, mhix l-unika prova li tressqet fil-konfront tal-imputat, tant illi kif inghad aktar il-fuq, il-Qorti tqis illi gie ppruvat illi fil-lejl in kwisjtoni l-imputat ghaddha pilloli ecstasy lil Dwight Falzon ……*" –

u dan il-Qorti qalitu wara illi in segwitu ghal skorta twila ta' decizjonijiet lokali u Ewropej, ikkonkludiet illi l-kazistika hija konkordi f'aspett specifiku, cioe`, "*li f'kull kaz l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkuzi dedotti*".

Illi bis-sejbin tal-htija tal-imputat hawnekk rikorrent, il-Qorti li tat id-decizjoni (appellata) infliggiet piena ta' 3 xhur prigunerija effettiva u multa ta' 650 euro, u dan wara illi qieset diversi fatturi, fosthom, l-eta' tal-imputat, il-fatt illi kkoopera, in-numru ta' pilloli u l-fedina penali.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-imputat appella minn dik id-decizjoni u fi stadju bikri tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-appellant, hawnekk rikorrent, ressaq talba sabiex dik il-Qorti tippronunzja ruha l-ewwel fuq l-aggravju relatat mal-istqarrija, izda dik il-Qorti ddecidiet illi taghti decizjoni wahda fuq l-aggravji kollha f'daqqa.

Kien hawnekk illi r-rikorrent ressaq l-odjern rikors ghall-konsiderazzjoni u determinazzjoni ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-sottomissjonijiet maghmula, kemm verbalment u kemm bil-miktub, Il-Qorti fehmet illi r-rikorrenti qed jargumenta illi din l-kawza tikkoncerna 'tifel' li meta kien ghadu kif ghalaq tmintax (18) il-sena, kien inqabad *f'party* ma xi tlett t'ihbieb tieghu u kienu ftehmu li jixtru 3 jew 4 pilloli tal-ecstasy. Sussegwentement il-Pulizija kienu hadulu stqarrija li mbaghad giet guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa.

Isostni illi kien hemm numru ta' kazijiet fejn il-Qorti tal-Magistrati sfilzat l-istqarrija ghaliex kienet inghatat minghajr l-presenza tal-avukati anke qabel ma giet introdotta l-ligi li tat dan id-dritt lill-akkuzat. Imma minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan l-kaz, u minhabba min hu r-rikorrent f'dan l-kaz, dan ma sarx. Ikompli li skond l-gurisprudenza lokali u anke tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, issa hemm numru ta' kriterji li wiehed ghandu jissodisfa sabiex jigi stabbilit illi hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu. Jsostni illi huwa jolqot dawn il-kriterji kollha, bhal per ezempju illi dik kienet l-ewwel darba li r-rikorrent kien dahal go ghassa.

Ir-rikorrent jsostni illi fejn hemm kazijiet li bhala prova hemm l-istqarrija biss, il-Qorti ghandha d-dover li tisfilza stqarrija li tkun ttiehdet f'dawn ic-cirkostanzi, specjalment minhabba l-vulnaribilita` tal-imputat fil-mument li jkun ta' l-istqarrija. Jekk imbaghad ikun hemm provi ohra, li mghaduda ma' dik l-istqarrija, jwasslu lill-Qorti sal-grad ta' certezza morali li ghandha ssib il-htija, allura l-istqarrija m'ghandhiex tigi sfilzata.

Illi minn naha taghhom, l-intimati, filwaqt li jaghmlu referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jistiednu lill-Qorti sabiex tara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ghaliex jsostnu illi minbarra rassenja ta' sentenzi dwar din il-kwistjoni tal-istqarrijiet, huwa car li s-sejbien tal-htija fil-kaz odjern ma kinitx ibbazata biss fuq l-istqarrija, imma anke abbazi ta' provi ohra prodotti.

Illi l-intimati jsostnu illi meta r-rikorrent kien gie interrogat fid-9 ta' Settembru 2013, huwa kien inghata d-drittijiet kollha ezistenti dak iz-zmien, inkluz li qabel ma rrilaxxa l-istqarrija, inghata d-dritt li jitkellem ma' Avukat tal-fiducja tieghu. Sussegwentement huwa kkonferma din l-istqarrija bil-gurament u volontarjament quddiem Magistrat.

L-intimati jghidu illi l-proceduri li qeghdin jigu attakkati mhumiex imtappnin bl-ebda vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq.

Jsostnu illi:

i) l-proceduri qed jinzammu u qed jigu determinati minn Qorti indipendenti u mparzjali;
ii) ir-rikorrent ghandu access ghal qorti;
iii) is-smigh qed isir fil-presenza tar-rikorrent;
iv) il-partjiet qeghdin jigu trattati b'mod ugwali;
v) ir-rikorrent inghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz tieghu;
vi) ir-rikorrent huwa mghejjun minn Avukat tal-fiducja tieghu u
vii) ir-rikorrent qed jigi moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghal preparazzjoni tal-kaz tieghu.

B'referenza ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta invokati mir-rikorrenti, l-intimati jsostnu illi ghandu jitqies il-process kollu kemm hu u l-Qorti m'ghandhiex tiffoka fuq bicca biss tal-process (f'dan il-kaz, l-istqarrija).

Dwar dan l-punt issir referenza ghal **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006; **Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013; **Ronald Agius vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru 2001 u **Darren Aquilina vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. L-intimati jissottomettu illi una volta jirrizulta f'dan il-kaz illi l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom pendenti, allura ghadu mhux maghruf kif u jekk se jigi zvantagjat ir-rikorrenti.

Dwar l-isfilz tal-istqarrija, l-intimati jghidu illi l-Qorti Ewropeja evolviet fil-kazistika taghha u li sabiex issib li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq ghandhom jigu applikat zewg testijiet:

i) it-test tal-ezistenza tal-*compelling reasons* u jekk dawn ma jirrizultawx,
ii) it-test tal-*overall fairness* tal-proceduri.

Minbarra dan fil-kawza **Farrugia vs Malta** li giet deciza mill-Qorti Ewropeja fil-4 ta' Gunju 2019, il-Qorti sabet li l-fatt li persuna ma nghatax assistenza ta' Avukat waqt l-interrogazzjoni u dan peress li kien hemm restrizzjoni sistematika, dan fih innifsu ma jiksirx id-dritt ta' smiegh xieraq.

L-intimati jissottmettu illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent ma rnexxilux juri kif il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu gew ippregudikati minhabba din l-istqarrija li huwa rrilaxxa. Anzi, mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) jirrizulta li l-prova

principali ma kintix din il-istqarrija izda kienet ix-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino.

Jsostnu ulterjorment illi jirrizulta li ma saret l'ebda pressjoni fuq ir-rikorrent sabiex jirilaxxa l-istqarrija, anzi din giet rilaxxata volontarjament. Minbarra dan jirrizulta li nghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tieghu. Jirreferu ghal kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Aiella**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, minn fejn jirrizulta li hija l-Qorti stess li ghandha tiddeciedi dwar l-valur probatorju tal-istqarrija. Huma l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti Kriminali li ghandhom l-ghodda kollha biex jevalwaw jekk il-linji gwida ta' **Beuze vs Belgium** gewx sodisfatti jew le. M'ghandhiex tkun din il-Onorabbili Qorti li ghandha tiddeciedi jekk l-isqarrija hix ammissibli jew le. F'dan is-sens ukoll, l-intimati jaghmlu referenza ghal sentenza ricenti **Il-Pulizija vs Rokku sive Rocky Agius** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fil-24 ta' Marzu 2022.

L-intimati jsostnu finalment illi jekk wiehed isewgi dak li gie ddikjarat f'din is-sentenza jirrizulta illi ma hemmx vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq f'din il-kawza u dan stante illi:

i) Fiz-zmien li gie nterrogat, ir-rikorrent inghata d-drittijiet kollha li kienu ezistenti dak iz-zmien;
ii) Ma saret l'ebda allegazzjoni u lanqas ma ngiebet l'ebda prova li l-istqarrija ttiehdet b'xi forma ta' vjolenza, theddid jew bil-weghda li r-rikorrent jinghata xi haga jekk iwiegeb f'certu sens;
iii) Il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha diga` dahlet f'din il-kwistjoni tal-istqarrija;
iv) Il-Qorti tal-Magistrati diga` ghamiltha cara fis-sentenza taghha li l-istqarrija ma kienitx l-unika prova li kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti;
v) Huwa fatt li r-rikorrent gie nfurmat bid-dritt tieghu li ma jirrispondix ghad-domandi u huwa kkonferma li kien fehem din it-twissija;
vi) Illi ma hemmx dubju li r-rikorrent ma sofra l'ebda pregudizzju tant kbir fit-thejjija tad-difiza tieghu;

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi hemm zewg eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati illi jimmerita illi jkunu trattati u decizi l-ewwel.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimati – Li l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali m'humiex legittimi kontradditturi**

Il-Qorti tqis illi skond l-**Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili** (KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta) –

*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*
*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*
*(c) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Illi dan l-Artikolu gie emendat permezz tal-Att XXV tas-sena 2009, meta "*l-Avukat Generali*" gie sostwit mill-"*Avukat tal-Istat*". Illi ghalhekk f'dan s-sens huwa minnu li l-Avukat Generali mhuwiex l-legittimu kontradittur f'dawn l-proceduri, la issa gie sostwit mill-Avukat tal-Istat.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Kummissarju tal-Pulizija, dawn il-proceduri kostituzzjonali huma rizultat ta' dritt li nghata lill-suspettati permezz ta' azzjoni legislattiva. Illi l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex qieghed jigi attakkat fl'ebda mument u qatt ma kien hemm l-intervent tieghu.

Illi ghalhekk anke f'dan l-kaz, l-Kummissarju tal-Pulizija m'ghandux jitqies bhala l-legittimu kontradittur f'dawn l-proceduri kostituzzjonali.

**Ghalhekk illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati sejra tigi milqugha.**

**It-tieni eccezzjoni tal-intimati – l-Azzjoni hija ntempestiva u l-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tista` tigi ezaminata biss meta l-process kriminali jigi konkluz**

Il-Qorti tqis illi skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u anke l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, il-Qorti tista' taghti kull rimedju li tahseb opportun anke meta x'aktarx ikun se jkun hemm vjolazzjoni, per ezempju, bl-uzu ta' stqarrija tar-rikorrent fil-proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Fil-kaz tar-rikorrenti diga` hemm sentenza

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u issa l-atti processwali qeghdin quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti tinnota l-mod kif giet mpustata l-ewwel talba tar-rikorrent, ossia, dikjarazzjoni illi "*t-tehid tal-istqarrija tal-esponenti minghajr il-presenza ta' Avukat tilledi jew x'aktarx tilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti illi jkollu smigh xieraq …………*".

Il-Qorti tqis dak li jinghad fil-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb)** Updated on 30 April 2022 (pg 7) fejn jinghad hekk:

> *In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident.*
>
> *However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). In this connection, where a procedural defect has been identified, it falls to the domestic courts in the first place to carry out the assessment as to whether that procedural shortcoming has been remedied in the course of the ensuing proceedings, the lack of an assessment to that effect in itself being prima facie incompatible with the requirements of a fair trial according to Article 6 of the Convention (Mehmet Zeki Çelebi v. Turkey, § 51). Moreover, the cumulative effect of various procedural defects may lead to a violation of Article 6 even if each defect, taken alone, would not have convinced the Court that the proceedings were unfair (Mirilashvili v. Russia, § 165).*

Din il-Qorti taghmel taghha dan li hawnekk ntqal, u fid-dawl tat-talba principali kif impustata, allura biex jigi determinat jekk l-uzu ta' stqarrija li tkun ttiehdet minghajr ma min jaghmilha jkollu l-ghajnuna ta' Avukat, "*jilledi jew aktarx jilledi*" d-drittijiet tar-rikorrenti bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, din il-Qorti jidhrilha illi jkun xieraq illi tezamina u tkun determinata din il-pendenza, ossia, jekk huwiex il-kaz li n-nuqqas ta' assistenza ta' Avukat waqt li r-rikorrent kien qed jaghmel il-istqarrija jwassalx ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja anke jekk l-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghadhom mhux decizi b'mod definittiv.

**Ghalhekk illi t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati mhux ser tigi akkolta.**

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fil-mertu;

Il-Qorti tqis illi mill-atti processwali jidher illi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ma sarulu l-mistoqsijiet mill-Pulizija u qabel ma huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, u hu ghazel li jaghmel uzu minn dak d-dritt. Minbarra dan fiz-zmien in kwistjoni ma kien hemm l'ebda lment da parti tar-rikorrenti li ma kienx inghata parir legali qabel ma' ta' l-istqarrija.

Illi ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk l-access ghall-Avukat li kellu r-rikorrent f'dak iz-zmien kienx jirrispetta l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-**Artiklu 6** tal-Konvenzjoni Ewropeja jaqra hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
> *(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

L-**Artiklu 39** tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra hekk:

*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
*(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali;*
*u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*
*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*
*(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*
*(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi in camera;*
*(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income; jew*
*(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –*
*(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi li fihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*
*(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.*
*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*
*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għallpreparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*
*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*
*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża, u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*
*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*
*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*
(9) *Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*
*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

*(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ, prokuratur legali.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

*Illi huwa prinċipju ta' dritt penali illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Huma l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa 'pre-trial', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt li għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija riflessa fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali (Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi).*

*Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran, iżda, ra żviluppi sostanzjali f'dawn l-aħħar snin. Illi fiż-żmien meta l-appellati kienu mitkellma mill-pulizija lura fis-sena 2005 huma ma kellhom jedd għal ebda forma ta' assistenza legali billi l-liġi f'dak iż-żmien kienet teskludi dan id-dritt b'mod sistematiku.*

*Fl-2010 daħal fis-seħħ l-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 fejn "il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*

*Imbagħad, bit-trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-Att LI tal-2016,*

> *sar tibdil għall-artikolu 355AT u l-Artikolu 355AU tal-Kodiċi Kriminali meta daħal id-dritt tal-assistenza legali kif postulat f'din id-Direttiva.*
>
> *Illi huwa indubitat, kif tajjeb traċċat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri.*
>
> *Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ* ***Philippe Beuze vs il-Belġju*** *(71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u Farrugia vs Malta illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' Salduz u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.* (**Ir-Repubblika ta` Malta vs Anthony Bugeja Piero di Bartolo**; Qorti ta` l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) - 22.06.2022)

Illi sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni fil-kuntest ta' dak hawnekk diskuss, ghandhom jigu rispettati certi rekwiziti. Kif intqal mill-Qorti Ewropea fil-kawza ta' **<u>Beuze vs Belgium</u>**, deciza fid-9 ta' Novembru 2018, dawn huma illi:

> *" … suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview … The lawyer must be able to confer with his or her client in private and receive confidential instructions;"*
>
> *" … suspects have a right to their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings."*

Ukoll, illi gie ritenut li ghandu jkun hemm "*overall fairness assessment*" tal-proceduri kriminali mill-bidunett. Illi ghalhekk kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kawza **Farrugia vs Malta** deciza fil-4 ta' Gunju 2019:

> *104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*
>
> *"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
>
> *"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
>
> *"(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;"*
>
> *(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of a any compulsion;*
>
> *"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
>
> *"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
>
> *"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
>
> *"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
>
> *"(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).""*

Il-Qorti tqis illi d-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija cara fis-sens illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ kull każ individwalment sabiex jigi stabbilit jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kelliex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setghax impinġa fuq is-smiegħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent gie arrestat bil-lejl, bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013, u ttehditlu stqarrija dak il-hin stess wara li gie arrestat. Huwa nghata s-solita twissija u kien tkellem ma' avukat tal-fiducja tieghu. Imbaghad kien volontarjament ha gurament fuq din l-istess stqarrija quddiem il-Magistrat inkwirenti.

Illi l-ligi applikabbali fis-sena 2013, kienet l-Artikolu 355AT tal-Kodici Kriminali (KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta), illi kien jistipula hekk:

> ***355AT**. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.*

Il-Qorti tqis illi hawnekk jirrizulta illi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat bit-telephone qabel ma ghamel l-istqarrija tieghu u fil-fatt hekk jirrizulta illi ghamel. Jirrizulta wkoll li qabel ma' huwa rrilaxxja l-istqarrija, huwa kien imwissi bil-konsegwenzi tal-istess stqarrija. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li r-rikorrent kellhu tmintax il-sena u li din kienet l-ewwel darba li kien dahal f'ghassa tal-Pulizija.

Il-Qorti tqis illi din il-kawza fil-konfront tar-rikorrent tinsab issa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara illi l-Qorti fl-ewwel istanza tat id-decizjoni taghha u sabiet il-htija.

Il-Qorti tqis illi bhala *overall fairness*, hu prematur li wiehed jghid li l-istqarrija wahedha twassal ghal allegata vjolazzjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq tar-rikorrent. Din il-Qorti tinnota wkoll li quddiem il-Qorti tal-Appell Kirminali saret talba da parti tar-rikorrenti sabiex l-ewwel tiddeciedi dwar l-ewwel aggravju u wara tevalwa l-aggravji l-ohra. F'dan l-ewwel aggravju hu attaka l-validita` tal-istqarrija li huwa kien rrilaxxa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet taghha tal-14 ta' Settembru 2021, sostanzjalment qalet li ma kienx hemm talba ghall-isfilz

tal-istqarrija, izda dwar il-validita` o meno tal-istqarrija. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk ddecidiet li m'ghandiex tispezzetta l-procedura u li "*l-Qorti trid qabel xejn tisma x'ghandhom jghidu l-appellant u l-Avukat Generali dwar dan l-aggravju matul il-kors tat-trattazzjoni tal-appell.*" Ghalhekk cahdet t-talba tar-rikorrent.

Il-Qorti tqis ukoll illi meta ssir evalwazzjoni tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja rigward dan il-punt, wiehed jista` jara li kollox gie stabbilit fil-kawza ta' **Beuze** kkwotata aktar il-fuq. Hawnekk gie stabbilit illi sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni tal-Artikolu 6 jew le, kellhom jigu applikati zewg testijiet:

a) jekk kienx hemm ragunijiet impellenti ghaliex ma nghatax assistenza legali u
b) evalwazzjoni ta' jekk il-proceduri fit-totalita` taghhom kienux gusti jew le.

Illi wara din s-sentenza ta' **Beuze** tal-Qorti Ewropeja, gie accertat li l-mod kif il-Qrati Maltin kienu qeghdin jiddeciedu dan il-punt kien wiehed gust u proporzjonat. Ma hemm l'ebda linja generali li wiehed jista` jaqbad u jaqta`, u n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma baqghetx tigi kkunsidrata bhala lezjoni awtomatika tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti ser taghmel referenza ampja ghal kaz **Briegal Micallef vs l-Avukat Generali,** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Frar 2021 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali f'Gunju 2021. Il-Qorti qed taghmel dan peress illi tassew tara somiljanza bejn iz-zewg kazijiet, kemm minn dak li huma fatti u kif ukoll mill-lat ta' punti legali.

> *B'sentenza tas-17 ta' Frar, 2021 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontrih. Wara li l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza lokali u dik tal-QEDB, tat din il-motivazzjoni:*
>
> *'Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, isegwi li l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex l-istqarrija ttieħdet mingħajr ma huwa kellu dritt għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat. Kif sewwa jissottometti l-Avukat tal-Istat, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.*
>
> *Il-Qorti tqis illi bl-ebda mod ma ġie muri li ġie leż jew x'aktarx ser jiġi leż d-dritt fundamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt illi ma setax ikun assistit minn avukat meta ttieħditlu l-istqarrija. Ir-rikorrent naqas milli juri li dik l-istqarrija kkompromettiet serjament id-difiża u l-qagħda tiegħu matul il-proċeduri kriminali.*

*Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat naqas milli juri li kien hemm raġunijiet tajbin sabiex iżommu lir-rikorrent milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li ttieħditlu l-istqarrija, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kinetx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi r-rikorrent, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Ir-rikorrent naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Huwa minnu li kellu biss 21 sena u li din kienet l-ewwel darba li r-rikorrent xellef difrejh mal-ġustizzja, imma ma tirriżultax xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Tant ir-rikorrent kien qiegħed jifhem l-import tas-sitwazzjoni li kien fiha meta rrilaxxja l-istqarrija, li huwa rrifjuta li jixkef il-fornitur li kien provdielu d-droga. Dawn il-fatturi kollha ġew meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati meta kienet qiegħda tiddeċiedi l-kawża tar-rikorrent.*

*Mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li l-pulizija kellhom evidenza biżżejjed kontra r-rikorrent. Din l-evidenza ġiet evalwata minn Maġistrat u in kwantu li r-rikorrent appella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, ser terġa tiġi evalwata minn Imħallef, u għalhekk, minn persuni b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Din il-Qorti qiegħda tqis ukoll li jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li r-rikorrent, meta xehed viva voce quddiem dik il-Qorti, skarta kompletament dik il-verżjoni li kien ta lill-Pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu b'dan illi xorta waħda ammetta li d-droga li nstabet fil-pussess ta' Abela Ayling kien tahielu hu. Il-Qorti fil-fatt osservat li 'viva voce xorta jammetti – jekk wieħed jagħżel illi jemmen din it-tieni verżjoni, illi huwa attwalment mar jiġbor id-droga għal Abela Ayling, dan dejjem fil-kuntest ta' kif il-Liġi tagħna tiddefinixxi t-traffikar.'*

*Il-Qorti kompliet billi qalet hekk:*

> *"Bla dubju ta' xejn l-azzjoni tal-imputat, anke kieku biss kellha temmnu – illi huwa mar jagħmel pjaċir lil sieħbu Abela Ayling għax ġie hekk mitlub minnu, tinkwadra f'din id-definizzjoni. Illi verament tiġbor droga għal ħaddieħor mhi xejn ħlief forma oħra ta' distribuzzjoni tagħħa, la fil-fatt taha lil ħaddieħor. Għalhekk l-azzjoni u l-verżjoni mressqa mill-imputat bħala difiża xorta taqa' taħt id-definizzjoni ta' traffikar hemm ċitata."*
>
> *Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għalfejn tistrieh fuq l-istqarrija li kien irrilaxxja r-rikorrent sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħħa dwar il-ħtija tar-rikorrent, għaliex meta xehed viva voce, ir-rikorrent ma ċaħadx illi kien hu li ta d-droga lil Abela Ayling, anzi ammetta li hekk ġara. Huwa indubbjament fl-interess pubbliku li r-rikorrent jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali in konnessjoni ma traffikar u pussess ta' droga.*
>
> *Għaldaqstant, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bil-fatt biss illi meta huwa ġie interrogat u ttieħditlu l-istqarrija il-liġi ma kinetx tippermetti li jkun mgħejjun minn avukat.*

Fis-sentenza taghha f'din l-istess kawza ccitata, il-Qorti Kostituzzjonali, kellha l-istess aggravju x'tiddeciedi.

> *L-aggravji tal-attur huma li ma kienx assistit minn avukat waqt li kien qiegħed jagħmel l-istqarrija u l-istess ġara fil-każ tax-xhud prinċipali Nicholas Abela Ayling. L-attur jinsisti li dan wassal għal ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u l-aħjar rimedju hu li jitpoġġa fil-pożizzjoni oriġinali li kien fiha qabel inkiser il-jedd fundamentali tiegħu.*

Naturalment, ghal finijiet ta' din id-decizjoni, il-Qorti ser tislet biss dawk il-partijiet relattivi ghall-istqarrija tal-imputat, sabiex taghmel taghha dak li hemm jinghad kif applikabbli ghal kaz odjern,

Il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *Fl-ewwel lok din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-użu f'proċeduri Kriminali ta' stqarrija minn suspettat mingħajr ma jkun assistit minn avukat, dak il-fatt waħdu ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.*
>
> *Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti jrid jiġi kkunsidrat il-proċess fit-totalita' tiegħu (ara wkoll sentenzi li semmiet l-ewwel Qorti fosthom* ***Farrugia v. Malta*** *(63041/13) tal-QEDB tal-4 ta' Ġunju, 2019). Din hi l-pożizzjoni l-iktar*

*riċenti li ħadet dik il-Qorti (ara wkoll per eżempju sentenza **Beuze v. Belgium** (71409/10) tad-9 ta' Novembru, 2018). Mhux l-istess jingħad dwar is-sentenza **A.T. vs. Luxembourg** (30460/13) tal-14 ta' Settembru, 2015 li rrefera għaliha d-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni.*

*………………...*
*Diġa' hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda għad hemm appell pendenti. Minn dik is-sentenza hu evidenti li s-sejbien ta' ħtija kien ibbażat fuq provi oħrajn fosthom id-depożizzjoni tal-attur quddiem dik il-Qorti u wkoll ix-xhud Ayling. Hemm ukoll xhieda ta' uffiċjali tal-pulizija dwar għassa li għamlu quddiem id-dar tal-attur u x'sabu fir-residenza u fil-pussess ta' Ayling. Saħansitra, fis-sentenza l-Qorti kkunsidrat ukoll id-difiża li ressaq l-attur li l-każ kien jitratta dwar entrapment maħsub mill-pulizija b'kollużjoni tax-xhud Ayling. Difiża li fuqha ressaq aggravju wkoll fir-rikors tal-appell. Dan apparti li mill-istqarrija stess jirriżulta li l-attur kien ingħata t-twissija li għandu jedd li ma jitkellimx u li dak li jgħid jista' jinġieb bi prova.*

*Dan ma kienx każ fejn id-deċiżjoni ta' kundanna fl-ewwel stadju kienet determinata fuq l-istqarrija li l-akkużat ta lill-pulizija mhux fil-preżenza ta' avukat, fi stadju ta' investigazzjoni. Lanqas mhu każ fejn hemm prova li l-istqarrija inġabret b'mod illegali u kontra r-rieda tal-attur.*

*Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta minn Maġistrat, iddeċidiet il-kawża Kriminali wara li semgħet il-provi kollha u għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-meritu. Dan lanqas mhu każ fejn il-meritu tal-kawża Kriminali ser jiġi determinat minn ġurati. F'dan il-każ hemm sentenza ta' Qorti u fiha hemm ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex issib lill-attur ħati. Każ fejn l-attur u x-xhud Ayling, ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, xehedu viva voce quddiem dik il-Qorti għal iktar minn darba. Għalhekk il-Qorti kienet f'pożizzjoni sabiex tqis liema verżjoni li ngħatat quddiemha kienet l-iktar kredibbli, irrispettivament ta' x'setgħu qalu lill-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni. Dan wara li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant ingħata kull opportunita` li jressaq il-provi li ried u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda tal-prosekuzzjoni.*

*Hu minnu li din l-istess Qorti f'sentenzi oħrajn qalet li jkun floku li stqarrija li jkun ta imputat titneħħa mill-proċess tal-proċeduri Kriminali sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm periklu li eventwalment isiru proċeduri Kostituzzjonali li jistgħu jwasslu biex jiġi annullat proċess sħiħ. Madankollu, filwaqt li hemm ukoll sentenzi fejn din il-Qorti għamlet sempliċement rakkomandazzjoni, wieħed irid jiftakar li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. F'dan il-każ partikolari*

> *diġa' hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li fiha sar apprezzament tal-provi kollha li tressqu quddiem dik il-Qorti fil-kors tal-proċess kollu. Ċirkostanza li ma kinitx teżisti f'każijiet oħra li ddeċidiet dwarhom din il-Qorti. Ovvjament dak l-apprezzament ser jiġi mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali.*
>
> *Wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami l-Qorti m'għandhiex dubju li bil-fatt li l-istqarrija tal-attur tibqa' fl-atti, mhijiex ser taffetwa l-overall fairness tal-proċeduri Kriminali li llum hemm pendenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif rajna dik l-istqarrija mhijiex l-unika prova kontra l-attur, apparti l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tqis ukoll għandhiex mis-sewwa l-verżjoni li ta l-attur meta xehed u spjega li kien mar għad-droga sabiex jagħmel pjaċir lil Ayling.*

Segwit dan l-insenjament, certament din il-Qorti ma fadliliex wisq xi tghid ghall-kaz odjern, hlief illi bl-evalwazzjoni tal-fatti li jiccirkondaw il-kaz in dizamina, tapplika l-insenjament tal-ligi u tiddeciedi.

Il-Qorti tqis li minn naha wahda, ir-rikorrent veru li ma kellux l-presenza ta' l-Avukat waqt illi rrilaxxja l-istqarrija, daqs kemm huwa minnhu illi l-istqarrija kienet, fiha nnifisha, tinkrimina lir-rikorrenti. Ukoll huwa minnhu illi r-rikorrent kellu 18 il-sena u kienet l-ewwel darba illi ttiehed l-ghassa tal-pulizija.

Tqis pero` minn naha l-ohra illi r-rikorrent kien inghata u uza d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u anke nghata d-debita twissija. Tqis ukoll illi l-istess stqarrija kienet guramentata u fuq kollox huwa ferm evidenti minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi l-Qorti qieset provi ohra biex wasslet ghad-decizjoni taghha ta' htija. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija magħmula mill-imputat ma tistghax titqies bhala waħda determinanti, peress illi minn qari akkurat tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kif appellata quddiem il-Qorti Kriminali johrog evidenti illi l-gudizzju tal-ewwel Qorti u li issa ser ikun ukoll sindakat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, jmur lil hinn mis-semplici stqarrija moghtija in kwantu illi l-Qorti qieset ukoll provi ohra, fosthom xhiedha okulari ta' ufficjali tal-Pulizija.

Il-Qorti tqis ukoll illi fl-eta' ta' 18 il-sena, l-imputat jista' jigi meqjus illi kien zghir fl-eta', u hekk hu anke jekk kellu l-eta' tieghu, pero` minn dak li nghad minnhu fl-istess stqarrija - verzjoni b'ebda mod kontradetta fil-kors tal-proceduri -, huwa kien mitlub minn terza persuna (Dweight) sabiex jipprovdi pilloli *ecstasy,* peress illi t-terz kien jaf illi l-imputat kien ser ikun fil-presenza ta' persuna (il-lahmi) li jkollu fuqu il-pilloli *ecstasy*, kif fil-fatt jidher illi kien il-kaz, ghaliex l-imputat jidher illi ottjeni l-pilloli u ghaddihom lit-terz. Ta' dik l-eta, zghira kemm hi zghira, anke hallas ghal dawk il-pilloli u gabar flusu lura.

Il-Qorti tifhem illi ta' eta' tenera, ir-rikorrent kien ben konxju ta' dak li kien qed jaghmel, u ma kelliex tkun sorpriza ghalih illi jekk il-Pulizija sejjhitlu ghal dak li rat jigri, huwa jigi mitkellem u nterrogat wara illi kien ikkonsulta mal-Avukat tieghu.

Din il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrent naqas milli juri li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Lanqas ma tirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi u wara illi kkonsulta mal-Avukat tieghu.

Finalment, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ghaddha minn process giudizzjajru fl-ewwel istanza u ma jirrizulta minn mkien lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta minn Maġistrat, iddeċidiet il-kawża Kriminali wara li semgħet u qieset il-provi kollha u għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu. Fis-sentenza tal-Qorti hemm ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex issib lill-attur ħati. Ghaliex il-Qorti kienet f'pożizzjoni tqis l-provi kollha li tressqu quddiemha, anke u rrispettivament ta' x'setgħa qal lill-pulizija l-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-imputat ngħata kull opportunita` li jressaq il-provi li ried u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda tal-prosekuzzjoni li ried.

Process fl-ewwel istanza, illi issa fuq kollox ser ikun skrutinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, illi ma hemmx dubbju illi ser tevalwa u tqis l-aggravji kollha li ressaq l-hemmek appellant.

**Ghaldaqstant,** din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :

i) **Tilqa`** l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u ghalhekk l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali qed jigu dikjarati bhala li ma humiex legittimi kontraditturi u qeghda tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

ii) **Tichad** it-tieni eccezzjoni tal-intimati.

iii) **Tilqa'** l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz.

iv) **Tichad** it-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara illi t-tehid tal-istqarrija tar-rikorrenti fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 minghajr il-presenza ta' avukat jassistih **ma jilledix** id-dritt fundamentali tar-rikorrent ta' smiegh xieraq, kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

v) **Tordna** lir-Registratur sabiex kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jean Marc Dalli" (Appell Kriminali 231/2014) li għad hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jitkompla s-smigħ tal-appell msemmi.

Bl-ispejjes ta' din il-kawża jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**